**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Chantelle Casha]**

**vs**

**Adama Tonkara**

**Kumpilazzjoni Numru: 523/18**

**Illum 16 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Adama Tonkara detentur tar-registrazzjoni Taljana numru 23319 jew E863192 u dokument numru 112197660 akkuzat talli nhar is-17 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-10:30hrs u/jew hinijiet qabel jew wara gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Vjal Kristu Re, Rahal il-Gdid:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' CO177 Matthew Cilia, ta' natura gravi jew igiblu disordni fil-mohhha kif iccertifika Dr. Mauro Sacco Reg. No. 3851 minn Sptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216, 218, 222 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita` kompetenti bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' CO177 Matthew Cilia u/jew gwardjani ohra u/jew persuni ohra sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lilhom jew lil haddiehor bi ksur tal-Artikolu 399(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe` vit tas-sink gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix mitejn u hamsin lira Maltin (€250) bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 96 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
e. Fl-artikoli 31, 33A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat incident li sehh gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn CO177 Matthew Cilia spicca sofra feriti gravi.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li kien qed ikellem lill-Maggur meta gie ufficcjal li haseb li kien ser isawwat lill-Maggur u li ghalhekk ta lill-imputat daqqa ta' ponn f'wiccu. Spjega li waqa' mal-art u l-ufficjal l-iehor zammlu jdejh wara dahru. Imbaghad haduh Division 6 u bdew isawtuh f'saqajh u ghamlulu l-*pepper spray* f'wiccu u wara tefghuh f'cella f'Division 6. Qal li beda jghajjat minhabba l-*pepper spray* izda hadd ma gie jghinu. Wara ftit mar ufficjal ghalih sabiex jiehdu ghand tabib. Huwa qal li gidem lil CO169 u CO177 ghaliex bdew isawtuh. Mistoqsi ghalfejn fic-cella meta nehhewlu l-manetti spicca jagredixxi lil CO177 u mbuttah mal-art qal: "*Because at the time I see nothing because I have gas on my face, I was trying to do nothing but I had no power.*" Mistoqsi jekk jafx li kkawza griehi lil CO177 qal: "*But that people I don't know, at that time I don't see, I had something on my face.*"

Xehdet l-**Ispettur Chantelle Casha** fejn qalet li fis-17 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-10:30 ta' filghodu rceviet rapport li

Correctional Officer CO177 safa' ferut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Qalet li s-Surgent mar fuq il-post u tkellem ma' xi Correctional Officers. Spejgat li hija hadet lil Adam Tonkara c-Centru tas-sahha fejn inhareg certifikat liema certifikat ma jiccertifikax il-griehi pero` jghid li l-imputat kellu xi nefha f'idejh - (Dok. CC4). L-Ispettur esebiet ukoll ir-rifjut tal-imputat ghall-parir legali (Dok. CC5), ic-certifikat mediku li jirrigwarda l-griehi li sofra CO177 (Dok. CC6) u *case summary* tal-Isptar Mater Dei wara li sar xi intervent fuq CO177 (Dok. CC7).

Ai finijiet tar-recediva l-Ispettur esebiet sentenza (Dok. CC8 a fol. 122) datata 17 ta' April 2018 fejn l-imputat Adama Tonkara gie misjub hati ta' reati taht il-Kapitolu 65 u 104 fejn gie kkundannat ghal xahar prigunerija.

Illi xehed il-parte civile **CO177 Matthew Cilia** fejn spjega li fis-17 ta' Awwissu 2018 mar mal-kollega tieghu CO169 Josef Barbara sabiex jassitu lil tliet Magguri. Dak il-hin ra lill-imputat li kien qed jobzoq lill-Ufficjali, jaghti bir-ras, bil-ponn u anki bis-sieq u beda joffendihom. Meta hu l-kollega tieghu intervjenew sabiex jassitu l-Magguri u l-Ufficjali l-imputat gie mmanettjat u eskortat lejn Division 6. Spjega li waqt li mmanettjat l-imputat beda

jipprova jbaxxi rasu u jigdimhom. Malli waslu fic-cella tieghu u nehhewlu l-manetti l-imputat kompla jaghti bis-sieq fejn gie bis-salt tant li hasad lill-parte civile: "*hasadni u lili kompletament ramini ma' l-art.*" Kien hemmhekk li l-parte civile hass l-ugiegh u nduna li kiser il-polz. Spjega li qam, uza l-*pepper spray* u minn hemm ittiehed ghall-Emergenza l-Isptar. Zied jghid li kellu jigi operat u li ghadu sal-lum qed ibghati l-konsegwenzi. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qalli huwa waqa' u gismu u dak tal-imputat gew fuq il-polz tieghu. Huwa esebixxa ritratti li gew immarkati bhala Dok. MC1. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Inkontroezami l-parte civile qal li dak il-hin tal-akkadut kien hemm hu u xi tlieta ohra kollegi tieghu. Huwa kkonferma li x'hin kien fic-cella nehhewlu l-manetti u kien hemmhekk li l-imputat ghamel salt ghal fuqu. Qal li mbuttah u bil-piz tieghu stess kiser idejh. Qal ukoll li l-imputat kisser il-vit u l-art giet imxarba u kien ghalhekk li l-parte civile zelaq meta l-imputat imbuttah. Meta rega' gie mistoqsi kemm kien hemm nies prezenti, il-parte civile qal li fic-cella kienu hu u kollega tieghu Josef Barbara. Jason Farrugia kien barra c-cella ghax ic-cella hija zghira. Il-parte civile rega' tenna li meta l-imputat ta s-salt ghal fuqu fl-ebda hin ma kien immanettjat u di fatti kien CO Barbara li nehha l-manetti.

Xehed **CO169 Joseph Barbara** li qal li kienu semghu xi ghajjat u raw lill-imputat, li huwa gharaf fl-awla, jargumenta mal-Magguri ghax ma riedx jinzel f'Division 13. Beda jigi aggressiv u nghataw l-ordni li jiehduh Division 6. Hemmhekk immanetjawh u la waslu fic-cella u nehhewlu l-manetti "ta' daqqa ta' spinta lil CO177 tefghu mal-art bil-konsegwenza li beda jghajjat bl-ugiegh u idu bdiet tintefah u dak il-hin grew ghalih l-Isptar." Qal ukoll li kien ra ilma mal-art u qaluli li l-imputat kien kisser il-vit pero` x-xhud ma ra xejn minn dan. Mistoqsi mid-difiza jekk l-imputat kienx qed jghajjat ghall-ilma peress li kellu l-*pepper spray* f'ghajnejn qal li le l-imputat ma kienx qed jistaqsi ghall-ilma.

Xehed **CO127 Jason Farrugia** li wkoll qal li l-imputat kien qed jirrifjuta jmur Division 13 u beda jsir aggressiv fejn regghu nizzluh f'Division 6. Dak il-hin gew il-169 u l-177 u mmanettjawh u haduh. Spjega li hu nizel warajhom u peress li l-imputat ma riedx jimxi wahdu l-ufficjali spiccaw refghuh. Ix-xhud imbaghad ma ra xejn izjed ghaliex ma dahalx fid-Division 6.

Xehed il-**Maggur Martin Schembri** li qal li fis-17 ta' Awwissu huwa kien Duty Officer fejn Tonkara beda jirrifjuta li jmur Division 13.

Spjega li taptaplu fuq spalltu sabiex jimxi mieghu izda l-imputat ghamel is-sahha mieghu u ghalhekk kellhom imexxuh sa Division 6. Kif dahlu fic-cella l-imputat baqa' jirrezisti u jaghmel is-sahha u f'hin minnhom laqat lil Matthew Cilia li zbilancja ruhu u gie fuq idejh bir-rizultat li kiser il-polz. Wara hallew lill-imputat immanettjat fic-cella peress li kien ghadu aggressiv hafna. Dwar l-ilma li kien hemm mal-art fic-cella x-xhud qal li jista' jkun li waqt li l-imputat kien aggressiv intlaqat il-vit.

Xehed **CO31 Patrick Caruana** li wkoll gharaf lill-imputat fl-awla u li kien prezenti waqt li kien qed ikun aggressiv tant li meta wassluh fic-cella x-xhud spjega li: "Kif CO177 nizel biex inehhilu l-manetti rajt lill-kollega tieghi 177 jingibed lura u jinqata' mill-art u jinstabat mal-art fl-istess hin u rajtu jzomm idejh ix-xellugija. Dak, dak il-wicc tal-ugiegh. Ghentu jqum mill-art u tajtu hand over lil haddiehor biex jittiehed ghall-kura."

Xehed it-tabib **Mark Borg** li qal li Matthew Cilia kellu l-polz minfuh wara li allegatament waqa'. Qal li mill-*X ray* kien jidher li hemm ksur taz-zewg ghadmiet tal-polz. Skont ix-xhud kellha ssir operazzjoni fejn l-ghadam gie maghqud permezz ta' *plates* u *pins*. Ix-xhud esebixxa *discharge letter* – Dok. MB1.

Xehed **Dr. Maurice Mario Abela** li jahdem il-Health Centre ta' Rahal il-Gdid li qal li kien ezamina lill-imputat li kien qed jilmenta b'ugiegh fl-ghaksa izda peress li ma kienx hemm limitazzjoni tal-moviment u lanqas nefha ma kkonstata l-ebda griehi.

Xehed ukoll **Lieutenant Helenio Galea** li qal li fis-17 ta' Awwissu 2018 l-imputat kien jinsab il-habs u bhala konferma ta' dan huwa esebixxa Dok. HG1.

Xehed it-tabib **Mauro Sacco** li kkonferma ccertifikat a fol. 33 u spjega li kien ezamina lil Matthew Cilia fejn sab li kellu ksur f'idu x-xellugija fil-parti tal-polz. Qal li jiftakar li kien qal li kien gie aggredit u li kien xi tip ta' *control officer* il-habs. Huwa kkonstata l-griehi bhala gravi per durata.

Xehed ukoll l-**imputat Adam Tonkara** li qal li baghtuh Division 13 u qalulu biex jinza' l-hwejjeg halli jiccekkjawh ghad-droga u dak il-hin kien hemm *officer* li rrimarkalu li huwa mahmug. Beda jistaqsi ghall-Maggur Martin meta gew zewg ufficcjali tal-SRT fejn qabduh minn idu, qabdulu l-id l-ohra u ghamlulu l-manetti. Qal li wiehed minnhom tah daqqa ta' sieq minn wara, waqqghuh mal-art u ghamlulu l-manetti ma' saqajh u bdew jittrasportawh bil-

manetti ma' jdejh u ma' saqajh. Qal ukoll li wiehed minnhom qabdu mill-flokk u allura l-imputat qal li gidmu. Spjega li wara li gidem wiehed minnhom haduh Division 6 u qabel ma haduh ghamlulu l-*pepper spray* ma' wiccu. Imbaghad tellghuh fuq fejn ipprova jimsah wiccu bl-ilma waqt li kien immanettjat. Spjega li regghu dahlu, nehhewlu l-manetti u staqsewh jekk iridx imur l-isptar izda huwa rrifjuta ghax qalli jinsab tajjeb: *"No I don't want to go to Polyclinic because I'm fine.*" Mistoqsi dwar l-ufficjal li waqa' fic-cella qal li huwa ma ghamillu xejn. L-imputat baqa' jsostni li huwa ma ghamel xejn fic-cella. Huwa qal li ghalkemm kien hemm l-ufficjali fic-cella tieghu ma setax jara kif waqa' ghaliex kellu l-*pepper spray* f'ghajnejh. Mistoqsi jekk kienx hemm ilma mal-art fic-cella l-imputat qal iva. Spjega li peress li kien immanettjat huwa fetah l-ilma b'rasu u ghamel ghajnejh taht l-ilma u ghalhekk qal li ma setax jara.

Mistoqsi inkontroezami kif ra l-ilma jekk ma setax jara qal li peress li huwa kien mal-art seta' jhoss l-ilma. Mistoqsi jekk sawwat lil gwardjan l-imputat qal li le.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difiza u rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-13 ta' Lulju 2020.

Ikkunsidrat:

Illi t-testimonjanzi kollha tal-ufficjali tal-habs jikkoraboraw il-fatt illi l-imputat kien aggressiv mill-ewwel maghhom tant li kellhom jimmanettjawh. Illi wara li dahluh gewwa c-cella u nehhewlu l-manetti li rega' gie aggressiv u habat ghall-parte civile Matthew Cilia.

Din il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jghid illi l-*pepper spray* gie mwaddab fl-ewwel parti tal-incident izda tara l-aktar verzjoni kredibbli dik tal-ufficjali tal-habs illi kollha kienu konsistenti fil-verzjonijiet taghhom. Illi a rigward il-vit ma harigx car jekk l-imputat kellux il-*mens rea* necessarja li ried jaghmel hsara u jekk dan tkissirx fid-daghdiegha tal-mument. Ghalhekk ser taghti dan il-beneficcju lill-imputat u ma ssibux hati ta' hsara volontarja.

Illi ghaldaqstant l-imputat ghandu jinstab hati talli kkawza griehi gravi per durata lil CO Matthew Cilia u li oppona u offra rezistenza bi vjolenza lill-ufficjali tal-habs.

Illi ghal xi raguni l-Avukat Generali ma nkludiex l-addebitu tar-recidiva fl-Artikoli tieghu u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' din l-addebitu izda pero' peress illi l-akkuzi li bihom l-imputat hu addebitat huma ta' natura serja tant li kienu kommessi kontra ufficjali tal-habs din il-Qorti xorta wahda ser timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 (1)(d) u 222, 95 u 96, 339(1)(d), 325(1)(c), 31, 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Adama Tonkara hati tal-akkuzi wiehed (1) sa erbgha (4) u stante li r-raba' (4) akkuza hija assorbita fl-akkuzi l-ohra u t-tielet (3) akkuza hija assorbita fit-tieni (2) akkuza, tikkundannah ghal sena (1) u tliet (3) xhur prigunerija flimkien ma' multa ta' hamest elef ewro (€5,000) filwaqt li tilliberah mill-hames (5) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

_______________________________________

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**